Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 768/2013

►C1 tad-9 ta' Awwissu 2013 ◄

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 917/2004 dwar ir-regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 797/2004 dwar miżuri li jtejbu l-kondizzjonijiet ġenerali għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-apikoltura

(ĠU L 214, 9.8.2013, p. 7)

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, ĠU L 217, 13.8.2013, p. 40 (768/2013)
►C2 Emendi, ĠU L 268, 10.10.2013, p. 17 (768/2013)

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 768/2013

►C1 tad-9 ta' Awwissu 2013 ◄

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 917/2004 dwar ir-regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 797/2004 dwar miżuri li jtejbu l-kondizzjonijiet ġenerali għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-apikoltura

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS), u b'mod partikulari l-Artikolu 110 tiegħu ([1]), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 917/2004 ([2]) jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali tal-apikoltura stipulate fl-Artikolu 105 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. Skont l-Artikolu 2(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 917/2004, il-miżuri tal-programm tal-apikoltura stipulati għal kull sena tal-perjodu ta' tliet snin, għandhom jitwettqu qabel il-31 ta' Awwissu tas-sena li jkunu relatati magħha u l-pagamenti għandhom isiru matul l-eżerċizzju annwali stabbilit mis-16 ta' Ottubru tal-istess sena sal-15 ta' Ottubru tas-sena ta' wara. Għalhekk, l-Istati Membri ma jistgħux jimplimentaw miżuri tal-apikoltura bejn l-1 ta' Settembru tas-sena tal-programm tal-apikoltura u l-15 ta' Ottubru tal-istess sena.

(2) Sabiex tiġi evitata l-lakuna bejn l-implimentazzjoni u l-finanzjament ta' miżuri tal-apikoltura, id-dati rilevanti jeħtieġ li jinbidlu sabiex il-miżuri jkunu jistgħu jiġu implimentati matul is-sena kollha.

(3) Il-kontribut finanzjarju tal-Unjoni għall-programmi nazzjonali tal-apikoltura huwa bbażat fuq iċ-ċensiment tan-naħal/in-numru ta' doqqajs f'kull Stat Membru kif elenkat fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 917/2004.

(4) Skont l-Artikolu 109 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, l-Istati Membri ressqu l-programmi tal-apikoltura nazzjonali tagħhom u aġġornaw in-numru ta' doqqajs kif previst fl-Artikolu 1 (a) tar-Regolament (KE) Nru 917/2004. In-numru aġġornat ta' doqqajs għandu jkun rifless fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 917/2004.

(5) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 917/2004 għandu jiġi emendat skont dan.

(6) L-emendi stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 163, 30.4.2004, p. 83.

▼B

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 917/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, il-paragrafi 2 u 3 jinbidlu b'dan li ġej:

"2. Kull sena tal-programm tal-apikoltura ('sena tal-apikoltura') għandha titħaddem għal 12-il xahar konsekuttiv mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Awwissu.

3. Il-miżuri tal-programm tal-apikoltura stipulati għal kull sena tal-apikoltura għandhom ikunu eżegwiti b'mod sħiħ fi ħdan is-sena tal-apikoltura kkonċernata.

Il-pagamenti relatati ma' miżuri implimentati matul kull sena tal-apikoltura għandhom isiru fi żmien il-perjodu ta' tnax-il xahar li jibda fis-16 ta' Ottubru ta' dik is-sena tal-apikoltura u jintemm fil-15 ta' Ottubru tas-sena ta' wara."

(2) L-Anness I jinbidel bit-test stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika b'effett mis-sena tal-apikoltura 2014 li tibda fl-1 ta' Settembru 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS

“*ANNESS I*

Stat Membru	Ċensiment tan-naħal Numru ta’ doqqajs
BE	107 800
BG	526 014
CZ	540 705
DK	150 000
DE	711 299
EE	41 400
IE	15 710
EL	1 584 206
ES	2 459 292
FR	1 636 000
▼C2 HR	491 981
▼B IT	1 316 774
CY	44 953
LV	83 801
LT	144 969
LU	7 804
HU	1 088 590
MT	3 142
NL	80 000
AT	376 485
PL	1 280 693
PT	566 793
RO	1 550 000
SI	167 000
SK	254 859
FI	50 000
SE	150 000
Ir-Renju Unit	274 000
UE 28	**15 704 270”**